

Brussell, 2 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

12596/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0002 (COD)

COPEN 284
EJUSTICE 109
JURINFO 49
DAPIX 306
CODEC 1464

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	12187/17
Nru dok. Cion:	10940/17 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiż terz u persuni mingħajr Stat (TCN) biex tissupplimenta s-sistema Ewropea ta' informazzjoni ta' rekords kriminali (is-sistema ECRIS-TCN) u tkun ta' sostenn għaliha u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 [L-Ewwel Qari] - Dibattitu ta' orjentazzjoni

I. INTRODUZZJONI

Fid-19 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva li ttejjeb is-Sistema Ewropea eżistenti ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)¹ fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN) (dok. 5438/16 + ADD 1 + ADD 2). Waqt l-eżaminar tal-proposta, l-Istati Membri esprimew preferenza qawwija għall-istabbiliment ta' sistema ċentralizzata għal TCN fil-livell tal-UE. In-negożjati dwar l-abbozz ta' Direttiva ġew sospiżi wara t-talba mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, fil-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fid-9 ta' Ġunju 2016, li l-qafas leġislattiv ikun evalwat u li tkun ppreżentata proposta għall-istabbiliment ta' bażi ta' data ċentrali għal TCN ikkundannati.

¹ Stabbilita bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali (ĠU L 93, 7.4.2009, p. 23).

Il-proposta għal Regolament biex tkun stabbilita bażi ta' data ċentrali ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni fit-28 ta' Ġunju 2017 (dok. 10940/17 + ADD 1). Sussegwentement, il-Presidenza ppreżentat test rivedut għad-Direttiva li takkompanjah (dok. 11568/17 + ADD 1). Ir-Regolament għandu jirregola l-kwistjonijiet kollha relatati ma' bażi ta' data ċentrali, filwaqt li d-Direttiva għandha tikkomplementa d-Deċiżjoni Qafas eżistenti dwar kwistjonijiet ta' natura ġenerali relatati mat-tħaddim tal-ECRIS.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni f'Materji Kriminali (COPEN) eżamina dawn il-proposti fil-laqgħat tad-9 ta' Lulju, l-10/11 ta' Settembru, il-25/26 ta' Settembru u d-9/10 ta' Ottubru 2017. Ġew diskussi wkoll xi kwistjonijiet fil-CATS fit-22 ta' Settembru. Id-diskussjonijiet f'dawn il-korpi preparatorji saru f'atmosfera kostruttiva u nkiseb progress konsiderevoli fuq diversi punti. Għalkemm f'dan l-istadju għadd ta' artikoli jistgħu jitqiesu bħala maqbula bil-ħsieb ta' approċċ futur ġenerali, id-diskussjonijiet urew li ċerti kwistjonijiet jeħtieġu gwida mill-Kunsill.

F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-attakki terroristiċi reċenti f'diversi Stati Membri wrew l-importanza tal-iskambju ta' informazzjoni, u n-neċessità li l-informazzjoni rilevanti kollha tkun disponibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Informazzjoni dwar kundanni hija, mingħajr dubju, element ta' informazzjoni utli biex ikun ivverifikat l-isfond tal-awturi (allegati) u r-rabtiet possibbli tagħhom ma' attivitajiet terroristiċi. Għaldaqstant huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurata li l-ECRIS taħdem b'mod effiċjenti u li tiġi indirizzata kull lakuna possibbli f'dik is-sistema.

Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Presidenza tistieden lill-ministri biex jelaboraw fuq iż-żewġ temi ppreżentati hawn taħt, li huma kruċjali biex tkun żgurata l-effikaċja tas-sistema ċentrali tal-ġejjieni.

II. KWISTJONIJIET IPPREŻENTATI LILL-KUNSILL GĦAL DISKUSSIONI

Mistoqsija A: Inklużjoni ta' ċittadini tal-UE li huma wkoll fil-pussess ta' nazzjonalità oħra

Ir-Regolament propost jinkludi obbligu għall-Istati Membri biex idaħħlu fis-sistema ċentrali ta' informazzjoni l-informazzjoni ta' kull TCN li jkun ġie kundannat għal reat. Skont ir-Regolament propost, id-definizzjoni ta' TCN għandha tinkludi wkoll ċittadini ta' pajjiż terz li huma wkoll fil-pussess ta' ċittadinanza ta' Stat Membru tal-UE.

L-effikaċġa tas-sistema tiddependi fuq l-ammont ta' data li tkun iddaħħlet. L-għan tal-istabbiliment tas-sistema tal-ECRIS-TCN hija li jkunu indirizzati l-lakuni tas-sistema eżistenti, li bħalissa tkopri biss liċ-ċittadini tal-UE biss. Huwa evidenti li f'każ li d-data tal-identità ta' persuni kkundannati, li għandhom kemm in-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE kif ukoll in-nazzjonalità ta' pajjiż terz, ma tiddaħħalx fis-sistema ċentrali, dawn il-persuni jistgħu jevitaw li jiffaċċjaw il-kundanni preċedenti tagħhom sempliċiment billi jippreżentaw il-passaport tal-pajjiż terz tagħhom fi Stat Membru wieħed u l-passaport tal-UE tagħhom fi Stat Membru ieħor. F'dan il-każ, il-persuna jkollha rekords kriminali f'żewġ Stati Membri differenti mingħajr ma daww l-Istati Membri jkunu konxji ta' dan.

Problema simili tista' tinqala' b'persuni li jkollhom żewġ nazzjonalitajiet jew aktar tal-UE, peress li f'dan il-każ ukoll huwa possibbli li l-Istat Membru li jkun qed jikkundanna ma jkunx konxju li persuna jkollha nazzjonalità oħra tal-UE. Mingħajr il-possibilità li dan jiġi vverifikat fil-bażi ta' data ċentrali, ser ikun impossibbli li jiġi identifikat li Stati Membri oħra jista' jkollhom informazzjoni dwar ir-rekords kriminali dwar dan l-individwu. Madankollu, f'każijiet fejn l-Istati Membri jkunu konxji li persuna għandha nazzjonalità doppja tal-UE, huma diġà obbligati skont id-Deċiżjoni Qafas dwar l-ECRIS li jinfurmaw iż-żewġ Stati Membri tan-nazzjonalità.

Taħseb li l-informazzjoni dwar l-identità ta' persuni taż-żewġ kategoriji li ġejjin għandha tkun inkluża fis-sistema ċentrali:

- a) informazzjoni ta' persuni kkundannati li jkollhom żewġ nazzjonalitajiet jew aktar, fejn tal-anqas waħda minnhom tkun in-nazzjonalità ta' pajjiż terz; u***
- b) informazzjoni ta' persuni kkundannati li ma jkollhomx nazzjonalità ta' pajjiż terz, iżda li għandhom iktar minn nazzjonalità waħda tal-UE?***

Mistoqsija B: Kategoriji ta' reati kriminali li fir-rigward tagħhom iridu jiddaħħlu marki tas-swaba' fis-sistema tal-ECRIS-TCN

Ir-Regolament propost jinkludi obbligu għall-Istati Membri li jdaħħlu l-marki tas-swaba' ta' TCN ikkundannat fis-sistema tal-ECRIS-TCN flimkien mad-data tal-identità alfanumerika. Dan huwa bbażat fuq il-fatt li l-marki tas-swaba' huma ta' spiss l-uniku mezz li bih TCN ikkundannat jista' jiġi identifikat b'mod sikur u effettiv. Dan huwa wkoll il-konsegwenza ta' ċirkolazzjoni madwar l-UE ta' dokumenti tal-identità mhux affidabbli li kull ma tmur qed tikber u tal-pseudonimi multipli użati mill-kriminali.

F'Ġunju 2016, il-Kunsill ikkonferma l-hteġa li tkun stabbilita sistema tal-ECRIS ċentralizzata biex tinħażen kemm id-data alfanumerika kif ukoll id-data dwar marki tas-swaba' (dok. 9798/16). L-użu tal-marki tas-swaba' fl-ECRIS-TCN huwa assolutament meħtieġ biex ikun żgurat il-funzjonament tas-sistema. Madankollu, l-Istati Membri esprimew opinjonijiet differenti dwar l-iskop tal-obbligu li jkunu maħżuna marki tas-swaba' fis-sistema ċentrali. Il-kundizzjonijiet u r-regoli għall-ġbir u l-ħażna tal-marki tas-swaba' jvarjaw b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri.

Diskussjonijiet preċedenti wrew li bosta Stati Membri jippreferu l-inklużjoni ta' marki tas-swaba' għal persuni kkundannati għal kwalunkwe reat kriminali. Madankollu, peress li d-definizzjonijiet ta' reati kriminali jvarjaw b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri, dan l-approċċ jista' jkollu bħala konsegwenza li l-marki tas-swaba' jkollhom jinġabru u jiddaħħlu wkoll fis-sistema f'każ ta' reati minuri, att li jista' jkun sproporzjonat.

Diversi Stati Membri oħra jippreferu li l-marki tas-swaba' jiddaħħlu biss fis-sistema jekk il-ġbir ta' marki tas-swaba' jkun previst fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom. Din l-għażla tista' twassal biex jiddaħħal għadd relattivament baxx ta' marki tas-swaba' fis-sistema ċentrali, jew li ma jiddaħħal assolutament xejn, xi ħaġa li tista' tfixxkel b'mod serju l-effikaċja tas-sistema. Tali approċċ jista' potenzjalment iżid l-ammont ta' data falza jew inkorretta mdaħħla fis-sistema, li b'hekk idgħajjef l-għan kollu li tkun stabbilita sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN.

Il-Presidenza tqis li trid tinstab soluzzjoni ta' kompromess bejn żewġ preferenzi. Diskussjonijiet preċedenti wrew li possibbiltà waħda tista' tkun li jintlaħaq qbil dwar lista ta' kategoriji ta' reati kriminali, li għalihom il-ġbir u l-ħażna tal-marki tas-swaba' fis-sistema ċentrali għandhom ikunu obligatorji. Dawn il-kategoriji jistgħu jkunu bbażati fuq lista ta' reati kriminali serji, kif definiti fi strumenti leġislattivi oħra tal-Unjoni (bħad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew) jew jiġu definiti mis-sanzjoni kriminali stess li tkun ingħatat. Il-problema b'lista ta' reati kriminali hija li listi bħal dawn ikunu jinkludu kemm reati kriminali serji kif ukoll dawk anqas serji, problema li tista' tiġi evitata billi jiġi ddefinit l-obbligu li jinġabru u jinħażnu l-marki tas-swaba' abbażi tas-sanzjoni attwali (bħal piena ta' kustodja). Piena ta' kustodja, irrISPettivament jekk hux sospiża jew le, tindika li r-reat kriminali kkonċernat jitqies mill-qrati nazzjonali bħala wieħed serju. Diversi Stati Membri indikaw ukoll li jkun sproporzjonat li l-marki tas-swaba' jkunu inklużi għal reati mhux intenzjonati.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Prezidenza tqis li għandu jintlaħaq qbil dwar il-kriterji sabiex ikunu identifikati r-reati kriminali li fir-rigward tagħhom għandhom jiddaħħlu marki tas-swaba' fis-sistema tal-ECRIS-TCN bħala minimu, flimkien mal-marki tas-swaba' li jinġabru f'konformità mal-liġi nazzjonali.

Il-Prezidenza hija tal-opinjoni li jkun xieraq li jiġi stabbilit li, bħala minimu, il-marki tas-swaba' għandhom jiddaħħlu fis-sistema tal-ECRIS-TCN meta l-persuna kkonċernata tingħata piena ta' kustodja b'rabta ma' reat kriminali mwettaq b'mod mhux intenzjonat.

Il-Kunsill huwa mistieden jikkonferma din il-pożizzjoni.

Barra minn hekk, il-Kunsill huwa mistieden jindika jekk f'dan il-kuntest "piena ta' kustodja" għandhiex tinkludi pieni sospiżi, jew le.

III. KONKLUŻJONI

Il-Kunsill huwa mistieden jikkunsidra l-mistoqsijiet imsemmija hawn fuq, bil-ħsieb li tingħata gwida għal aktar ħidma fil-livell tekniku.